MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 184/2008

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-attur u l-konvenuta C D izzewgu permezz tar-Registru Pubbliku fit-2 ta’ Dicembru 1978 kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok AM;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet taz-zwieg imsemmi kien vizjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb b' qerq dwar kwalita' taghhom li mix-xorta taghhom fixklet serjament il-hajja mizzewga;

5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

6. Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn premessi l-attur umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fit-2 ta' Dicembru 1978 kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez.

Rat li l-konvenuta, debitament notifikata, baqghet kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta kuntrattat civilment fit-2 ta' Dicembru 1978 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-2 ta' Dicembru 1978 meta allura l-attur kellu 21 sena u l-konvenuta kellha 19-il sena. Minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal li twieldu rispettivament fis-16 ta' Novembru 1980 u fid-9 ta' Novembru 1984, u ghalhekk wara sentejn u wara sitt snin miz-zwieg. Il-partijiet jghidu li z-zmien tan-namur kien wiehed qasir u jghidu wkoll li damu jikkonvivu flimkien circa sena u nofs. Izda l-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali gie ffirmat fis-sena 2002.

*Verzjoni ta' l-Attur*
Illi fl-affidavit tieghu l-attur jghid li, sa minn qabel iz-zwieg huwa kellu l-vizzju ta' l-alkohol, u ghalhekk, meta l-genituri tieghu saru jafu li kellu relazzjoni mal-konvneuta huma riduh jitgharras. Jghid : "Dak iz-zmien kont diga' bdejt jkolli problemi ta' alkohol sew ghax f' gimgha kont nisker gieli tlett darbiet in fila."1 Wara sena li bdew johorgu flimkien huwa okkazzjonalment beda jerfa' idejh fuq il-konvenuta. Jghid li f' dak iz-zmien "ir-rapport bejnietna kien wiehed biered, u mhux normali bejn zewg namrati." Izda, minkejja dan, huwa xorta ddecidew li "jipprovaw jghix flimkien" u ghalhekk izzewgu civilment.

Jghid li wara z-zwieg huwa kien jippreferi joqghod jigri ma' shabu milli jmur lura d-dar "fejn kont naf li ha nsib mara li qatt ma hassejt xejn lejha, u li servitni biss ghax kelli bzonn skuza li nkun ma' mara biex nitlaq mid-dar u ma ninkwetax aktar lil ommi." Jallega li "kien ikolli x' naqsam ma' C wara li nkun ghadni gej minn ma' mara ohra li kont niffansja u li b' hekk inkun qieghed fil-brudata li jkolli l-att sesswali ghax kieku ma' C biss, nista' nghid li qatt ma riedt li jkolli affari."

L-attur jghid li f' certu zmien kien beda jiehu l-kura kontra l-vizzju ta' l-alkohol u kien waqa' f' dipressjoni, u li kien jirregistra ghax ma kienx jahdem. Fl-istess paragrafu jghid li martu kienet harget tqila minnu "wara li kelli x' naqsam maghha wara harga bhas-soltu." Ikompli jispjega l-hajja xellerata tieghu.

---

[1] Aff. fol.14 *et seq.*

Jirrakkonta kif kien hemm okkazzjoni meta kien ftiehem li jiltaqa' mal-konvenuta, wara li "kienu ghaddew xi tlett snin ma nara qatt lil C" u jmorru jieklu f' restaurant ciniz. Jghid li f' dik l-okkazzjoni kellhom x' jaqsmu sesswalment fil-karrozza, bir-rizultat li martu, harget tqila minnu bit-tieni tarbija.

Wara diversi snin, u fuq rikesta ta' martu, huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fis-sena 2000, u sabiex ma jikkomplikawx l-affarijiet kien iddecieda li "naghtiha d-dar li kont xtrajt qabel ma zzewwigna." Jghid li f' dawn iz-zminijiet huwa kien jghix ma' mara ohra li minnha kellu tifel.

Fix-xhieda2 tieghu, l-attur, fuq mistoqsijiet tal-Qorti, jghid li huwa kien dam dan iz-zmien kollu sabiex jistitwixxi dawn il-proceduri ghax, ghalkemm il-konvivenza matrimonjali waqfet wara sena u nofs mid-data taz-zwieg, huwa kien baqa' jzomm kuntatt ma' martu. "Ghax daqqa mmur id-dar, darba f' gimgha, darba f' xahar u kienet tkun hemm, tkun ghand ommha u qatt ma bboderjajna" Rigward ir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom, b' referenza ghall-fatt li fiz-zwieg twieldu zewgt itfal wara certu zmien mid-data taz-zwieg, huwa jghid : "darba kultant, kont inkun fis-sakra, u nsomma."

*Verzjoni tal-Konvenuta*

Fix-xhieda3 taghha, il-konvenuta tghid li qabel iz-zwieg kienu ghamlu perijodu ta' sena u nofs niltaqghu darba fil-gimgha. Sussegwentement "iddecidejna li nizzewgu" Dak iz-zmien hi kienet tahdem go fabbrika, filwaqt li l-attur, "daqqa jahdem, daqqa ma jahdimx" izda, fuq mistoqsija x' kien jaghmel, hi tghid : "Fejn naf x' kien jaghmel." Tghid li damu jghixu flimkien xi sena u nofs, u r-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu "darba kultant, hux". Tikkonferma li l-att taz-zwieg kien jithalla miftuh ghat-tfal, fis-sens li hadd mill-partijiet ma kien jiehu prekawzzjonijiet.

[2] Fol.31 *et seq.*
[3] Fol.35 *et seq.*

Tghid li, qabel ma kienu zzewgu, huma kienu ghamlu zmien "konna qisna morna nghixu ghalina." u dana minhabba l-genituri taghha li ma kienux kuntenti bir-relazzjoni taghha ma' l-attur. Fl-ahhar tax-xhieda taghha tghid li ma kienux jghixu flimkien qabel iz-zwieg.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u ma taghtihomx affidament, partikolarment fuq il-fatt allegat minnhom li l-konvivenza matrimonjali damet biss sena u nofs.

Jirrizulta provat, liema fatti ma jistghux jigu negati mill-partijiet, li dawn ghandhom zewgt itfal li twieldu, wiehed wara sentejn, u l-iehor wara sitt snin mid-data taz-zwieg ; u kien biss fis-sena 2002, u cioe' wara diversi snin, minn din id-data li dawna ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali.

Rigward dak allegat mill-attur li hu kellu problema tax-xorb li kienet gia' manifesta meta kien ghadu namrat, u li eventwalment kien ha l-kura ghaliha, huwa ma gabx prova <u>sodisfacenti</u> ghall-Qorti in sostenn ta' dan l-allegat fatt. Barra minnhekk, ghalkemm jghid li f' dak iz-zmien diga kellu din il-problema, jidher li xorta wahda kien jahdem, tant li kellu flus sabiex jixtri dar qabel iz-zwieg.

Illi l-Qorti tirribadixxi li mhijiex propensa li taghti affidament ghall-verzjoni tal-fatti kif esposta mill-attur fl-affidavit tieghu ; u hija tal-fehema li dan ma rnexxielux jipprova li <u>fil-mument tal-ghoti tal-kunsens</u> matrimonjali tieghu, xi hadd mill-parti kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali, u d-drittijiet u d-dmirijiet li din timporta ; ma rnexxielux jipprova li f' dak il-mument xi hadd mill-partijiet eskluda l-obbligazzjonijiet tal-hajja konjugali jew id-dritt ghall-att taz-zwieg ; kif lanqas ma rnexxielu jipprova li l-kunsens matrimonjali ta' xi hadd minnhom kien inkiseb b' qerq fit-termini tal-paragrafu [c].

In difett ta' provi sodisfacenti li juru l-kuntrarju, id-discretio judiciis da parti tal-partijiet ghandha tigi prezunta. Dan jinsab konfortat mill-fatt provat li l-partijet, wara li ghamlu

certu zmien namrati, kienu ddecidew li jizzewgu, u riedu li jizzewgu, sabiex jghixu flimkien, jipprokreaw u jrabbu t-tfal.  Di fatti minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal b' intervall ta' erba' snin.  Ma hemm xejn konvincenti li jindika li huma ma kellhomx certu dixxerniment tal-import tal-hajja konjugali, jew li xi hadd minnhomm eskluda obbligazzjoni essenzjali taz-zwieg, jew xi hadd tqarraq b' xi hadd.

Il-Qorti tikkoncedi li sussegwentement ghaz-zwieg u, wara perijodu relevanti, il-hajja konjugali bejn il-partijiet iddeterjorat bir-rizultat li dawn wasslu ghas-separazzjoni personali, izda ma taccettax bhala veritiera l-allegazzjoni taghhom li l-konvivenza matrimonjali kienet spiccat wara sena u nofs miz-zwieg, u li t-tfal, li twieldu sentejn u sitt snin wara, meta allura skond huma kienu diga' separati, twieldu donnhom bi zball!

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li l-attur ma rnexxielux jipprova l-kaz tieghu ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti,

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba ta' l-attur, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------